



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

2.10.2013

B7-0439/2013

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar in-negozjati UE-Ċina għal ftehim ta' investiment bilaterali  
(2013/2674(RSP))

**Franziska Keller, Yannick Jadot, Reinhard Bütikofer, Philippe Lamberts,  
Satu Hassi**  
fisem il-Grupp Verts/ALE

RE\1005126MT.doc

PE519.285v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**B7-0439/2013**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar in-negozjati UE-Ċina għal ftehim ta' investiment bilaterali (2013/2674(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 153, 191, 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 12, 21, 28, 29, 31 u 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-25 ta' Ġunju 2012,
- wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika Popolari ta' Ċina mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ tat-23 ta' Novembru 2001,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2012 bit-titolu "L-UE u ċ-Ċina: Kummerċ Żbilanċjat?"<sup>1</sup> u r-rapport tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tiegħu ta' Lulju 2011 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi ma' Ċina,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta li nħarġet fl-okkażjoni tat-13-il Samit UE-Ċina li sar fi Brussell fl-20 ta' Settembru 2012,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Kummerċ, Tkabbir u Affarjiet Dinjija – Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020" (COM(2010)0612) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2011 dwar Politika Kummerċjali Ġdida għall-Ewropa fl-ambitu tal-Istrateġija Ewropa 2020<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-prinċipji u l-prattiki aċċettati b'mod ġenerali (GAPP) magħrufa bħala l-Prinċipji ta' Santjago', li ġew adottati f'Ottubru 2008 mill-Grupp ta' Ħidma tal-Fond Monetarju Internazzjonali dwar il-Fondi ta' Investimenti Sovrani,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-politika Ewropea futura

---

<sup>1</sup> ĠU C 264 E, 13.9.2013, p. 33.

<sup>2</sup> Testi adottati, P7\_TA(2013)0097.

<sup>3</sup> ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 87.

ta' investiment internazzjonali<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali<sup>2</sup>, dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali<sup>3</sup> u dwar il-Politika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "UE – Ċina: Imsieħba aktar mill-qrib, tkabbir tar-responsabbiltajiet" (COM(2006)0631), u d-dokument ta' politika li jakkumpanjaha "dwar il-kummerċ u l-investiment bejn l-UE u ċ-Ċina: Kompetizzjoni u Partnerjat" (COM(2006)0632),,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2009 dwar it-tisħiħ tal-irwol tal-SMEs Ewropej fil-kummerċ internazzjonali<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra d-deċizzjoni reċenti tiegħu dwar l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' pubblikazzjoni għal industriji estrattivi u tal-qtugħ tas-siġar rigward il-pagamenti tagħhom lill-gvernijiet,
  - wara li kkunsidra d-deċizzjoni komuni tal-UE u ċ-Ċina, meħuda fl-14-il Samit bejn l-UE u ċ-Ċina li sar fi Frar 2012 f'Pekin, sabiex jiġu mnedija negozjati fuq ftehim ta' investiment bilaterali;
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kummerċ bejn l-UE u ċ-Ċina żdied b' mod rapidu u kontinwu tul dawn l-aħħar tletin sena, u laħaq l-ogħla ammont ta' kummerċ totali ta' EUR 433,8 biljun fl-2012, u billi l-iżbilanċ fil-kummerċ bilaterali ilu favur iċ-Ċina mill-1997; billi dan id-defiċit fil-kummerċ kien jammonta għal EUR 146,0 biljun fl-2012 meta mqabbel ma' EUR 49 biljun fl-2000;
- B. billi fl-2011, l-istokk ta' investimenti barranin tal-UE fiċ-Ċina ammonta għal EUR 102 biljun filwaqt li fl-istess sena l-istokk ta' investimenti barranin taċ-Ċina fl-UE kien jammonta għal EUR 15-il biljun; billi l-istokk tal-investiment barrani taċ-Ċina fl-UE kien jammonta għal EUR 3,5 biljuni biss fl-2006;
- C. billi t-Trattat ta' Lisbona qiegħed l-investiment dirett barrani (IDB) taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni;
- D. billi 26 Stat Membru tal-UE għandhom ftehimiet bilaterali ta' investiment individwali fis-seħħ maċ-Ċina; billi dawk il-ftehimiet ġeneralment m'għandhom l-ebda dispożizzjonijiet jew għandhom dispożizzjonijiet dgħajfa ħafna fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u dwar id-dritt tal-pajjiżi li jiggvernaw;

<sup>1</sup> ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 34.

<sup>2</sup> ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.

<sup>3</sup> ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.

<sup>4</sup> ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 94.

<sup>5</sup> ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 101.

- E. billi l-għanijiet ta' żvilupp previsti fit-12-il pjan ta' ħames snin taċ-Ċina u l-istrateġija Ewropa 2020 rispettivament jinkludu numru kbir ta' interessi kondiviżi u sfidi komuni, foqgħma bħall-protezzjoni ambjentali, l-iżvilupp sostenibbli u bbilanċjat u t-tibdil fil-klima; billi livell oghħla ta' integrazzjoni u skambji teknoloġiċi bejn l-ekonomija tal-UE u dik Ċiniża jista' jwassal għal sinerġiji u benefiċċji reċiproċi;
- F. billi l-inklużjoni prevista tal-aċċess għas-suq fi ftehim ta' investiment maċ-Ċina tista' tikkontribwixxi għal kooperazzjoni ekonomika bilaterali aktar profonda mmirata sabiex jiġu kkonfrontati tali sfidi komuni; billi, madankollu, iż-żewġ partijiet għandhom jkunu permessi jeskludu ċerti setturi minn impenji ta' aċċess għas-suq ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet relatati mal-politika pubblika;
- G. billi l-UE għadha ma żviluppax politika industrijali fit-tul u sostenibbli li sservi sabiex twassal l-interessi offensivi u difensivi tagħha fil-qasam tal-politika ta' investiment barrani għadha tagħha;
- H. billi, speċjalment minħabba li n-negozjar ta' dan il-ftehim ta' investiment jista' jwassal għal tħassib pubbliku, huwa meħtieġ l-oghħla livell possibbli ta' trasparenza u involviment tas-soċjetà ċivili;
- I. billi l-investituri għandhom jikkonformaw mal-liġijiet tal-pajjiż ospitanti sabiex ikunu koperti mill-protezzjoni ta' ftehim ta' investiment konkluż mill-UE;
- J. billi l-implimentazzjoni batuta jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni miċ-Ċina ta' ċerti drittijiet fundamentali soċjali u tax-xogħol, kif ukoll ta' standards ambjentali rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, tat-kontribut għall-iżbilanċ attwali fil-flussi tal-kummerċ bejn l-UE u ċ-Ċina, li jistgħu wkoll jaggravaw minħabba relazzjonijiet ta' investiment aktar profondi jekk ma jsirx progress fl-implimentazzjoni ta' dawk id-drittijiet u standards; billi l-ftehim ta' investiment għaldaqstant m'għandux ikollu l-effett li jkompli jbaxxi l-istandards soċjali u ambjentali fiċ-Ċina, iżda għandu, għall-kuntrarju, jikkontribwixxi għat-tiġib tagħhom bħala prekondizzjoni, u b'hekk iwassal għal relazzjoni ta' kummerċ u investiment iżjed ibbilanċjata u li għigib magħha benefiċċju reċiproku;
- K. billi ftehim ta' investiment għandu jinkludi wkoll id-dmirijiet tal-investitur, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tat-trade unions u drittijiet oħrajn tax-xogħol, it-trasparenza u l-protezzjoni tal-ambjent, kif stabbilit fil-liġijiet nazzjonali u f'konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali li huma partijiet kontraenti fihom l-UE u ċ-Ċina; billi l-ftehim ta' investiment propost m'għandux ikopri investimenti f'żoni maħluqa b'mod speċjali li jipprovdu għall-evitar ta' drittijiet tax-xogħol u standards tax-xogħol u rekwiżiti legali oħra;
- L. billi l-Kummissjoni u l-Kunsill impenjaw ruħhom sabiex jiżguraw li l-politika ta' investiment tal-UE tikkunsidra l-prinċipji u l-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, u impenjaw ruħhom li jagħmlu dan mill-2013;
- M. billi l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni dwar ftehim ta' investiment bejn l-UE u ċ-Ċina inkludiet biss dimensjoni marġinali b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem; billi fl-2007 saret valutazzjoni tal-impatt tas-sostenibbiltà tal-kummerċ b'rabta ma' ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni;

- N. billi l-kummerċ u r-relazzjonijiet ta' investiment bejn l-UE u ċ-Ċina jeħtieġ li jitqabblu aħjar permezz tat-titjib xieraq tar-relazzjonijiet politiċi u l-promozzjoni tal-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-UE, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ tad-demokrazija u l-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt, b'konformità mal-prinċipji stipulati fid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif minquxa fit-Trattat ta' Lisbona;
- O. billi, għaldaqstant, il-ftehim ta' investiment maċ-Ċina għandu jagħti wkoll kontribut għall-aġġornament tad-djalogu politiku bejn l-UE u ċ-Ċina bl-għan li r-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi jsegwu proċess parallel ta' ambizzjoni, b'konsistenza mal-ispirtu tas-Sħubija Strateġika;
- P. billi l-investituri u l-investimenti għandhom jagħmlu sforzi, permezz tal-politiki u l-prattiki ta' ġestjoni tagħhom, sabiex jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' żvilupp tal-istati ospitanti u l-livelli lokali tal-gvern ta' fejn jinstab l-investiment;
- Q. billi hemm evidenza ċara li d-deċiżjonijiet tat-tribunali tal-arbitraġġ taħt il-ftehimiet eżistenti ta' protezzjoni tal-investiment spiss injoraw l-obbligi tal-istat ospitanti skont it-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ambjent u sfurzew lill-istati ospitanti jħallsu kumpens għal atti li għandhom l-għan li jimplimentaw dawn l-obbligi iżda li għandhom ukoll l-effett inċidentali li jnaqqsu l-profitti tal-investituri barranin;
1. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u ċ-Ċina; jistieden lill-UE u liċ-Ċina jsegwu relazzjoni ta' sħubija u vantaġġi reċiproċi aktar milli jinvolvu ruħhom f'waħa bbażata fuq kompetizzjoni u rivalità akkaniti;
  2. Ifakkar li ċ-Ċina esperjenzat żvilupp ekonomiku persistenti matul dawn l-aħħar 30 sena; jenfasizza, madankollu, li issa dan qed iwassal għal sfidi kbar ħafna li qed jheddu l-kisba ta' żvilupp sostenibbli fit-tul u l-kapaċità li jiġu evitati katastrofijiet ambjentali;
  3. Ifakkar li fiċ-Ċina ġie stabbilit mekkaniżmu ta' rieżami tas-sigurtà għall-iskrutinju tal-investiment barrani u li l-użu ta' tali mekkaniżmi miż-żewġ partijiet jista' jkun ibbażat fuq raġunijiet leġittimi; jirrimarka li l-UE u ċ-Ċina għandhom preokkupazzjonijiet ta' politika pubblika leġittimi li jiġġustifikaw l-esklużjoni totali jew parzjali ta' ċerti setturi mill-investiment barrani;
  4. Iħeġġeġ l-esklużjoni ta' ċerti setturi strateġiċi tal-UE mill-investituri Ċinzi; ifakkar, madankollu, li l-UE għadha ma żviluppax politika industrijali kompluta u li l-ewwel pass f'din id-direzzjoni jkun it-twaqqif ta' korp bil-kompitu li jissorvelja l-investiment barrani f'setturi strateġiċi, simili għall-Kumitat dwar l-Investiment Barrani (CFIUS) fl-Istati Uniti;
  5. Jitlob li f'dan il-ftehim, bħal fil-każ ta' impenji kummerċjali oħra li jsiru mill-UE, l-investiment barrani fis-servizzi pubbliċi għandu jkun limitat;
  6. Jirrimarka li l-mod prinċipali kif kumpaniji barranin jitħallew jistabbilixxu ruħhom fiċ-Ċina huwa permezz ta' impriżi konġunti, u li dan, fost affarijiet oħrajn, serva ta' inċentiv għall-esportazzjoni ta' teknoloġiji li jniġġsu fiċ-Ċina; huwa konvint li forom ta' aċċess

aktar flessibbli għas-suq Ċiniż jiffavorixxu livell ta' integrazzjoni akbar tal-ekonomiji Ewropej u Ċiniżi bbażat fuq approċċ aktar strateġiku lejn kooperazzjoni ekonomika orjentata lejn it-teknoloġija u l-innovazzjoni l-aktar avvanzati u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

7. Jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti, permezz ta' dan il-ftehim, il-prekundizzjonijiet għal kompetizzjoni ġusta bejn l-UE u ċ-Ċina; jirrakkomanda, għaldaqstant, li l-Kummissjoni tinneogzja dispożizzjonijiet b'saħħithom u vinkolanti fuq it-trasparenza u l-kompetizzjoni ġusta sabiex ikunu japplikaw kundizzjonijiet ekwi anke għal intrapriżi li jkunu proprjetà tal-istat u prattiki ta' investiment tal-fondi ta' investimenti sovrani;
8. Jenfasizza li l-ebda element fil-ftehim ma għandu jimpedixxi lill-partijiet milli jiddefinixxu u jimplementaw politiki għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali; għaldaqstant jitlob li l-ftehim m'għandux jinkludi impenji li jkopru servizzi awdjoviżivi;
9. Jenfasizza li l-ebda element fi ftehim ta' investiment m'għandu jnaqqas l-ispazju ta' politika tal-partijiet u l-kapaċità tagħhom li jgħaddu leġiżlazzjoni sabiex isegwu skopijiet leġittimi relatati mal-politika pubblika; jenfasizza li l-garanzija tal-istat tad-dritt għall-investituri u ċ-ċittadini kollha tal-UE u taċ-Ċina għandha tibqa' l-prijorità;
10. Jinnota li l-ftehim ta' ħarsien tal-investiment għandu jinkludi definizzjonijiet ċari tal-investiment li għandu jiġi protett u li l-forom spekulattivi ta' investiment m'għandhomx ikunu koperti;
11. Iqis li d-dispożizzjonijiet dwar it-tilwim fuq il-protezzjoni tal-investimenti bl-ebda mod m'għandu jestendi għal xi parti tal-ftehim li jkopri l-aċċess għas-suq;
12. Iqis li l-ftehim ta' investiment maċ-Ċina għandu jkun ibbażat fuq l-istandards li ġejjin:
  - in-nondiskriminazzjoni (trattament nazzjonali u trattament tal-pajjiż l-aktar favoriti);
  - referenza għad-dritt internazzjonali konswetudinarju;
  - il-projbizzjoni ta' arbitrarjetà manifesta fit-teħid ta' deċiżjonijiet;
  - il-projbizzjoni taċ-ċaħda mill-ġustizzja u nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji fundamentali tal-proċess ġust;
  - l-obbligu li ma tinċaħadx il-ġustizzja fi proċedimenti ġudizzjarji kriminali, ċivili jew amministrattivi f'konformità mal-prinċipju tal-proċess ġust imħaddan mis-sistemi legali prinċipali tad-dinja;
  - il-projbizzjoni ta' trattament abbużiv ta' investituri, inklużi l-koerċizzjoni, it-theddid u l-fastidju;
  - il-protezzjoni mill-esproprjazzjoni diretta, u l-provvediment ta' kumpens adegwat għal kwalunkwe ħsara mġarrba fil-każ ta' esproprjazzjoni;
13. Jenfasizza li l-kunċett ta' trattament ġust u ekwu (FET) f'dan il-ftehim ta' investiment għandu jkun ibbażat fuq l-istandards deskritti fil-paragrafu 12;

14. Iqis li d-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti tal-kapital għandhom ikunu konformi mar-regolamenti prudenzjali taż-żewġ partijiet sabiex jiġi evitat nuqqas ta' stabbiltà tal-bilanċ tal-pagamenti;
15. Jenfasizza li l-ftehimiet ta' investiment konklużi mill-UE m'għandhomx imorru kontra l-valuri fundamentali li l-UE trid tippromwovi permezz tal-politiki esterni tagħha u li, għal dak il-għan, m'għandhomx idgħajfu l-kapaċità għal intervent pubbliku, b'mod partikolari meta jkunu qed jiġu segwiti objettivi ta' politika pubblika bħal dawk fil-qasam soċjali, ambjentali, tad-drittijiet tal-bniedem, tas-sigurtà, tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-konsumaturi, tas-saħħa u s-sikurezza pubblika, tal-politika industrijali u tad-diversità kulturali; jitlob li jiġu inklużi l-klawżoli speċifiċi rispettivi, fuq bażi vinkolanti, fil-ftehim;
16. Jitlob li tiddaħħal klawżola li tipprevedi li l-investituri għandhom ikunu soġġetti għal leġiżlazzjoni nazzjonali u azzjonijiet ċivili għal responsabbiltà fil-proċess ġudizzjarju ta' pajjiżhom jew tal-pajjiż ospitanti tagħhom, b'mod partikolari għall-atti jew id-deċiżjonijiet magħmula b'rabta mal-investment fejn dawn l-atti jew dawn id-deċiżjonijiet iwasslu għal ħsara ambjentali sinifikanti, korrimenti personali jew telf ta' ħajja fl-istat ospitanti;
17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-ftehim ikun jinkludi obbligu għall-investituri barranin biex jikkonformaw mal-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;
18. Jitlob li tiġi inkluża 'klawżola ta' obbligu internazzjonali' fil-ftehim, li tipprevedi li l-obbligi li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-investituri għandhom jinqraw suġġetti għall-obbligi tal-partijiet kollha stabbiliti fit-trattati internazzjonali u d-dritt internazzjonali konswetudinarju, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u l-ħarsien tal-ambjent; jitlob, għaldaqstant, li l-ftehim ta' investiment m'għandux ifixkel il-progress fir-rigward tar-ratifika u l-implimentazzjoni sħiħa tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-ftehimiet ambjentali multilaterali miż-żewġ partijiet;
19. Jesprimi t-ħassib profond tiegħu dwar il-livell ta' diskrezzjoni tal-arbitri internazzjonali li jużaw interpretazzjoni wiesgħa tal-klawżoli dwar il-protezzjoni tal-investitur, li b'hekk twassal għall-esklużjoni ta' regolamenti pubbliċi leġittimi;
20. Huwa tal-fehma li l-ftehim għandu jinkludi l-prinċipju ta' eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji lokali kollha fil-każ ta' tilwim qabel dak li jkun jirrikorri għal proċeduri tas-soluzzjoni għat-tilwim bejn stat u stat, u li m'għandux jipprevedi mekkaniżmu ta' soluzzjoni għat-tilwim bejn investitur u stat (ISDS), skont il-finijiet ġenerali li għandu jikkontribwixxi għalihom ftehim ta' investiment; huwa tal-opinjoni wkoll li l-ftehim għandu jinkludi dispożizzjoni li tippermetti lil kwalunkwe parti terza b'interess f'tilwima li tkun tressqet quddiem tribunal tal-arbitraġġ biex tintervjeni fil-proċeduri u tfittex ir-rimedji xierqa;
21. Jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet soċjali u tal-bniedem huwa essenzjali fil-kooperazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina; jenfasizza li l-importanza tal-konformità mar-regoli kollha tal-ILO u l-implimentazzjoni rapida tagħhom, inkluż id-dritt li jitwaqqfu liberament trade unions indipendenti; jappoġġa t-tfittxija ta' paga u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti; jenfasizza l-importanza ta' kontroll aħjar tal-katina tal-provvista fir-rigward tal-

kundizzjonijiet tax-xogħol;

22. Jenfasizza li prekundizzjoni għall-konklużjoni tal-ftehim għandha tkun l-inklużjoni ta' impenn b'saħħtu u vinkolanti min-naħa tal-partijiet favur l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha u b'raba mal-investment, sabiex jinħolqu kummerċ iżjed ibbilanċjat u relazzjoni ta' investment bejn l-UE u ċ-Ċina li ma tkunx primarjament ibbażata fuq spejjeż tax-xogħol baxxi, protezzjoni tax-xogħol dgħajfa u standards ambjentali batuti fiċ-Ċina;
23. Jenfasizza li l-ftehim għandu jippromwovi investment li huwa sostenibbli, inklużiv u li jirrispetta l-ambjent, b'mod partikolari fil-qasam ta' industriji estrattivi, u li jinkoraġġixxi kundizzjonijiet tax-xogħol tajba fl-intrapriżi fil-mira tal-investment;
24. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw, permezz ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ adegwati, li l-investituri barranin jirrispettaw in-normi soċjali u ambjentali tal-UE u jżommu l-impjeggi meta jinvestu f'kumpaniji tal-UE;
25. Itenni t-talba tiegħu għal klawżola ta' responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji, b'konformità mal-Prinċipji Gwida dwar id-Drittijiet tan-Negozji u tal-Bniedem, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, kif ukoll impenji vinkolanti dwar klawżoli soċjali u ambjentali, bħala parti minn kapitolu għall-iżvilupp sostenibbli komplut soġġet għall-mekkaniżmu tas-soluzzjoni għat-tilwim; jistieden liż-żewġ partijiet jimplementaw strateġija sostenibbli u inklużiva ta' investment li tinkludi mekkaniżmu ta' valutazzjoni effiċjenti għall-awtoritajiet pubbliċi sabiex jevalwaw l-impatt soċjali u ambjentali tal-investment barrani;
26. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tinkludi aspetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, kif hija obligata li tagħmel skont il-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; madankollu, huwa tal-fehma li l-Kummissjoni jeħtieġ li tkompli taħdem fuq valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem kompluta sabiex tikkonforma mat-talba tal-Parlament, fir-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali<sup>1</sup>, għal "indikaturi kummerċjali komprensibbli bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq standards ambjentali u soċjali", u b'konformità mal-gwida mħejjija mir-rapporteurs tan-NU dwar id-dritt għall-ikel, li titlob li tintuża l-valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem ("Prinċipji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Ftehimiet ta' Kummerċ u Investment");
27. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-valutazzjoni tal-impatt dwar is-sostenibbiltà mwettqa fl-2007 fil-qafas tan-negozjati għal ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni, sabiex tirrifletti l-bidliet sinifikanti li saru fl-ekonomija Ċiniża, u r-rilevanza u d-daqs tagħha li żdiedu, kif ukoll l-istat ambjentali vulnerabbli taċ-Ċina, peress li dawn huma żviluppi li saru matul dawn l-aħħar sitt snin;
28. Jinsisti biex fil-ftehim tiġi inkluża klawżola vinkolanti li tipprojbixxi l-indeboliment progressiv tal-leġiżlazzjoni soċjali u ambjentali sabiex jiġi attirat l-investment, u li tiżgura

---

<sup>1</sup> ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.



li l-ebda parti ma tista' tonqos milli effettivament tinforza l-leġiżlazzjoni relevanti permezz ta' kors ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni sostnuti jew rikorrenti, bħala inkoraġġiment għat-twaqqif, l-akkwist, l-espansjoni jew iż-żamma ta' investment fit-territorju tagħha;

29. Jesprimi l-opinjoni tiegħu li ladarba jiġi konkluż, ftehim ta' investment bejn l-UE u ċ-Ċina għandu jissostitwixxi l-ftehimiet bilaterali fis-seħħ bejn l-Istati Membri individwali tal-UE u ċ-Ċina;
30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.